MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1010/2006

**Edward sive Eddie Sciberras**

**vs**

**Joseph Satariano**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-atturipprezentat fl-14 ta` Novembru, 2007.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghall-istess rikors, liema risposta kienet prezentata fit-12 ta` Dicembru, 2007.

F`din il-kawza l-attur qed iharrek lil Joseph Satariano ghal danni kkawzati fi proprjeta` tieghu minn xoghol li sar fil-proprjeta` tal-istess Satariano.

L-istess Joseph Satariano irrisponda billi qal li l-proprjeta` deskritta m`hijiex tieghu izda ta` terzi.

Ikkunsidrat illi permezz ta` dan ir-rikors, l-attur qed jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta` Balzan Homes Limited.

Il-Qorti tinnota li huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-istitut tal-kjamata fil-kawza ma jistax iservi biex jissostitwixxi lill-imharrek. Il-procedura sservi biex tirrintegra l-procediment u mhux biex tissana sitwazzjoni fejn l-imharrek originali ma kellu ebda *locus standi*.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Kompetenza Kostituzzjonali) fit-30 ta` Mejju, 2003 fil-kawza Bellizzi vs Awtorita` Marittima ta` Malta.

"Ghalhekk il-pozizzjoni legali *in subjecta materja* illum hi fis-sens li s-sejha fil-kawza tal-persuna li ghandha interess fl-esitu tal-gudizzju ghandha tigi ammessa biex jigi reintegrat il-procediment ghax meta l-konvenut originali jkun diga` interessat fil-kawza il-gudizzju diga` jkollu *'res standi'*, u l-ammissjoni tat-terz interessat jkun qed iservi biex jirrentegra l-procediment. Filwaqt li jekk il-konvenut originali ma jkollu ebda interess fil-kawza, bl-ammissjoni tat-terzi interessati, il-Qorti tkun *"qeghda tirreintegra gudizzju li originarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta` jieqaf legalment"*. Ghaldaqstant is-sostituzzjoni tal-konvenut originali mhux ammessa".

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors ta` l-14 ta` Novembru, 2007 u tordna li l-kawza tipprocedi regolarment.

**< Provediment >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------